# San Gejtanu

# fil-Poeżija u fi Ħsibijieti

Matul is-snin inkitbu għadd ġmielu ta' poeżiji dwar San Gejtanu. Interessanti kif poeti differenti ħarsu lejn dan il-Qaddis u kif trattaw miegħu fil-versi li kitbu. Fil-versi tagħhom ilkoll missew il-virtù tal-Qaddis; it-tjubija, it-tama fil-Providenza Divina, l-imħabba fl-Ewkaristija u lejn Marija, il-karità, il-kuraġġ, ix-xhieda tal-verità, iżda lkoll għamlu dan bi stili differenti.

Interessanti ħafna l-ħsieb ta' Dun Frans Camilleri indirizzat lejn il-Qaddis fis-sunett tiegħu imsejjaħ 'Lil San Gejtanu', fejn fih il-poeta jiġbed l-attenzjoni għall-virtù tal-Qaddis waqt li jfakkar in-nuqqasijiet tagħna, li quddiem ix-xbieha tiegħu noqgħodu ngħidu li nħobbuh u rridu nimxu warajh it-triq li twassalna għand il-Mulej. Iżda...

**Lil San Gejtanu**

Minix sa nfaħħrek le, Gejtanu tagħna,
Jew ngħid f'dal-jum għażiż, kemm inqimuk.
X'jiswa t-tifħir li ntuk, għalfejn tismagħna
Ngħidulek biss b'xofftejna li nħobbuk!

Inti ftaqart għax ridt. U aħna għall-għana
Nixxenqu bla mistrieħ; daqshekk nixbħuk?
Inti batejt, tgħakkist. U lilna arana
Infittxu l-pjaċir biss... X'tifħir nagħtuk!

Għaliex ħabbejt lil Alla, irħejt it-tama
Fil-ħniena Tiegħu biss; bis-salib
Bħal Kristu fraħt u wrejtna t-triq tas-Sewwa.

U aħna wara l-flus niġru fil-għama
U nwarrbu 'l Alla u naqgħu fit-tiġrib
Għax nibżgħu mis-salib u nfittxu l-ħlewwa.

**Dun Frans Camilleri**

Sunett ieħor li kull meta qrajtu, iqanqal fi ħsiebi ħsus ta' taqbid u jġiegħlni nfittex fil-ġewwieni ta' ruħi, huwa dak miktub minn Karmenu Vassallo li jitkellem dwar it-triq taċ-ċaħda li għażel Gejtanu u t-triq tal-lussu li ħalla warajh. Li jinfed l-aktar f'dan is-sunett huwa l-kliem użat minn Vassallo, li jfakkarni f'poeżiji oħra tiegħu miġbura fil-ktieb 'Nirien' fejn b'versi iebsa l-poeta jirrabja, jirraġuna, jinkwieta u jħoss it-taqbida ta' żgħażugħ li jrid it-tajjeb u fid-dinja ta' madwaru x'isib? Il-versi ta' Vassallo joħorġu b'mod ċar, forsi wkoll b'ċarezza mhux mistennija l-baħar jaqsam tad-dinja li Gejtanu kellu mid-dinja li Gejtanu għażel.

Gejtanu sab it-tajjeb iżda biex kisbu u żammu bata ħafna u l-kliem ta' Vassallo hu xhieda ta' din it-tbatija.

## Lil San Gejtanu ta' Tiene

Quddiemek kellek żewġ triqat. Sabiħa
Il-waħda għax ta' ġid - alla tat-torox,
Tal-għomja wil-qlub iebsa - li bil-fwieħa
Tiegħu jogħxew u jsiru dbejjeb ħorox.

Qalila l-oħra għax ta' ċaħda u faqar
Għall-ġisem fejn titbennen ruħ ta' safa -
Ruħ li teħfief aktar ma dak jinħaqar,
W aktar 'il fuq f'ġisem magħkus tintrafa'.

Għaqli u qalbieni, inti ġidek ħraqtu.
Kif kien l-aħjar ħaruf tal-merħla tiegħu
Jaħraq Abel lil Alla. L-għana sħaqtu
F'ħobż għall-fqajrin u Kristu għannqek Miegħu.

Int li - għax ridt - ftaqart, fis-sew stagħnejt.
Min ħalqek qaddsek għax Għalih inħlejt.

**Karmenu Vassallo**

Mill-ġdid indur għall-versi ta' Dun Frans Camilleri li f'sunett ieħor miktub fl-10 ta' Lulju 1946, jiġbor fil-qosor il-ħajja kbira li kellu l-Qaddis immexxija kollha kemm hi mill-ftit kliem ta' Ġesù meta qal Fittxu l-Ewwel is-Saltna ta' Alla. F'dan is-Sunett Dun Frans juża kliem ħafif li jinftiehem malajr u bih iwassal il-messaġġ li Gejtanu għaddielna, messaġġ li jħabbel l-imħuħ u li joħloq elf mistoqsija, ta' kif nistgħu aħna wkoll naslu għand Ġesù għax min jagħżel il-parir ta' Gejtanu t-triq hi iebsa wisq.

## Lil San Gejtanu

Fittxu fuq kollox is-Saltna tas-Sema,
Triq il-Mulej bid-dawl u s-sliem mogħnija;
Tħallux ġo moħħkom ħsieb dil-art jinġema':
Fittxu 'l Mulej... u jaħseb Hu għall-bqija.

Hekk qal Ġesù: Gejtanu Mqaddes sema'
Dis-sejħa kollha għerf, kollha qdusija,
Warajh kull ġid, kull ġieħ tad-dinja rema
Biex bħalu jgħix fil-faqar fit-tbatija.

U ħareġ qalb il-foqra b'dik l-imħabba
Li tħenn u tixtieq tgħin lin-nies maħqura
Bil-qalb li tħobb tassew għax mhix imtabbgħa.

U f'daru għammar Alla, għalkemm fqira,
Għax Huwa jara l-qalb u r-ruħ miġbura:
Gejtanu ruħu mżejna u qalbu kbira!

**Dun Frans Camilleri**

Dun Karm Psaila, il-Poeta Nazzjonali, ukoll ra f'San Gejtanu triq li twassal għall-qdusija. Fis-sunett tiegħu jibda biex jitkellem dwar in-nobbiltà ta' Gejtanu u kif din kienet bħal libsa protettiva li minnu tbiegħed u tilqagħlu kull hemm tad-dinja, iżda jkompli biex f'żewġ strofi qosra huwa jgħid il-ġrajja kollha tal-Qaddis... kif reħa din il-libsa ta' sigurtà, mar qalb il-batuti u ħadem biex jissodisfa l-akbar xewqa tiegħu.

## Lil San Gejtanu ta' Tiene

Qiegħdet fuq ġbinek l-ogħla bews l-imħabba,
Hekk kif għall-ħajja nfetħu ħbub għajnejk,
L-isbaħ ward li fix-xemx t'April jitrabba
Żejjen il-bjuda fejn serraħt ħaddejk.

Xejn ma nċaħadlek kull ma' l-qalb ixabba',
Malli ssawret il-kelma fuq xofftejk:
Kull ma seta' fil-għajn tan-nies itabba'
Il-ġieħ ta' nislek qatt ma resaq lejk.

Iżda kif fetaħ maż-żgħożija ħsiebek,
Għaraft il-frugħa li tlellex bla dewma,
U l-fqar u l-imsejknin għażilt bi ħbiebek.

Ftaqart għax ridt: qalbieni fit-tiġrib,
Ilqajt id-dnewwa mingħajr l-ebda lewma
U, bħal Ġesù, xtaqt tmut fuq is-Salib.

**Dun Karm**

Indur għall-poeżija ta' Anton Buttigieg, li fiha għadd ta' ħsebijiet dwar il-kobor tal-Qaddis. It-tieni strofa tfakkarni fit-talba miktuba minn Gejtanu nnifsu meta jgħid - Ħares Missier Qaddis minn ġo darek fis-smewwiet u ara l-Ostja Mqaddsa li Kristu Ibnek Sidna offrielek għad-dnubiet. Il-ħażen kbir tad-dinja aħfer nitolbuk. Isma' leħen Demm Ġesù jgħajjatlek minn fuq is-Salib. - Buttigieg fil-versi tiegħu wara l-kwadru tas-salvazzjoni ikompli iġibilna aktar kwadri minn ħajjet il-Qaddis quddiem għajnejna: narawh fil-ħidma tiegħu biex jirriforma l-Knisja iżda jeħodha ma' min ried ikisser l-unità tagħha; narawh iduq il-ġenna fl-adorazzjoni tiegħu quddiem Ġesù Ewkaristija; narawh jgħallem u jaħdem mimli mħabba u tama fis-sema.

## Lil San Gejtanu

Bil-ħsieb ta' Missier twajjeb
Imexxi Alla l-ħolqien;
Bla ħsieb, bla xogħol il-ħlejjaq
Jgħannulu lkoll flimkien.

Għallimna kif Gejtanu
Hu jgħajjex lilna wkoll,
Għax aħna ulied Ibnu
B'Demmu mifdija lkoll.

Il-qawwa ta' Luteru
Inti felħan kissirt
U l-fidi mqaddsa ta' Alla
Bla serħ inti fissirt;

Għallimt li l-Knisja hi waħda
Kull waqt u kullimkien,
Għax rabta waħda torbot
L-Insara lkoll flimkien.

Għat-tul ta' erbgħin siegħa
Mixħut għal wiċċek fl-art,
Tajt qima 'l Ġesù fl-Ostja
F'Żina ta' dawl u ward.

Għax l-għaxqa li troxx minnu
Tpaxxi l-ġisem u r-ruħ:
Kull bniedem biha mseddaq
Qatt jitlef, qatt mirbuħ.

Xi ħlewwa f'dak ilsienek,
X'kobor ta' ħsebijiet,
X'imħabba ġewwa qalbek
U tama fis-smewwiet.

Bħal xempju ta' qdusija
Gejtanu dhert fiż-żmien;
Ħallina lkoll ninsġulek
Għanja ta' ferħ flimkien.

**Anton Buttigieg**

Waħda mill-mistoqsijiet li faċli tqum hija dik jekk Gejtanu li għex 450 sena ilu, għadux relevanti għad-dinja tal-lum, miżgħuda kif inhi b'kull tip ta' progress li l-bniedem irnexxielu jiskopri. Ma' l-isem ta' Gejtanu moħħna faċilment jittajjar lejn il-festa li nagħmlu, nieqfu hemm bl-istampa tal-vara quddiem għajnejna u ma jirnexxilniex insibu lil Gejtanu li mhux tal-ġibs, ta' l-irħam, tal-kartapesta jew fuq tila. Kemm-il darba jien jiġrili dan... iżda qalbi tħabbat fuq bieb moħħi u tistaqsieh x'jien napprezza u ngħożż, l-arti jew dak li l-arti qed turi jew tostor?

Illum imkien ma naraw l-isptar ta' Venezja, iżda naraw Pjazza San Mark u l-kanali bil-gondoli iserrpu. Illum imkien ma naraw il-faqar kbir u l-ġlied ġo Napli, iżda naraw il-Vessuvio maestuż iħares fuq il-golf pittoresk. Fejn hu Gejtanu ta' Venezja u ta' Napli illum? Staqsejt u fittixt u xerridt dak li fhimt fil-versi tiegħi 'Li Kieku!' Venezja u Napli illum jisimhom Bosnia, Afrika, Indja, New York eċċ fejn hemm ġuħ, faqar,

mard, qtil, drogi, tlellix fieragħ eċċ. Temmejt vrusi hekk:

Li kieku
ma kontx il-bieraħ
imma kont illum,
iva,
hemm kont insibek meta nfittxek
Gejtanu għażiż.

Nagħlaq din il-kitba fqajra tiegħi billi nislet it-tielet parti mill-Innu 'Tifħir Lil San Gejtanu' li titkellem dwar ir-relevanza ta' Gejtanu f'kull żmien għaliex dak li wettaq Gejtanu f'ħajtu jgħodd għal kull żmien, għaliex fuq kollox fl-univers sħiħ kollox jgħanni l-istess għanja, l-għanja lil Dik il-Qawwa li hi s-sors ewlieni u waħdani.

### Verità

Id-dubji miżrugħa u l-kliem li jintqal
li jbarru is-sewwa u jdallmu iċ-ċar,
li jnikktu - li jgħejju -
li jħassbu - li jmewtu -
li jgħammxu - li jħawdu -
li jqarqu -
li juru wiċċ b'ieħor -
li jsemmgħu kliem b'ieħor -
li jnisslu il-ġlied, in-niket, il-hemm -
li jwelldu il-biża', id-dwejjaq, id-demm-
fejn l-għodda qaddisa ħażin hi użata
u l-fidwa tal-bniedem bħax-xejn ppreżentata...

Żerriegħa ħażina miżrugħa kuljum tul sekli ta' snin
U aħna ħosbiena nistaqsu kuljum 'Is-Sewwa għand Min?'

Min jum għal jum ieħor
Egħxieren ta' snin
Kliem Gejtu għen u dawwal, għallem
Eluf ta' bnedmin.
Kliem qawwi li muri bil-ħidma ta' l-id.
Kliem qawwi li mfisser bil-pass tas-saqajn.
Bil-kelma mitkellma
Bil-kelma miktuba
Bl-aġir,
Alla il-Verità.

Infaħħru lil Gejtanu
Mudell għal kull ħolqien.
B'qdusitek ftaħt għajnejna
Dawwalt it-triq għaż-żmien.
Imbierek int Gejtanu.

**Anselm Sciberras**